

EBA/GL/2025/02

11/02/2025

Linji gwida

li jemendaw il-Linji gwida EBA/2019/04
dwar I-ICT u I-ġestjoni tar-riskju tas-
sigurtà

1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-Linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-Linji Gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 20.05.2025. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu kkunsidrati mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifikasi għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola pprovduta fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza "EBA/GL/2023/02". In-notifikasi għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa biex jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifikasi jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

2. Indirizzi

5. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definit fl-Artikolu 4 punt (2)(vii) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u lill-istituzzjonijiet finanzjarji kif

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

definit fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1093/2010, li huma fornituri ta' servizzi ta' pagament kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva (UE) 2015/2366².

3. Implementazzjoni

Data tal-applikazzjoni

6. Dawn il-linji gwida japplikaw sa mhux aktar tard minn 20.05.2025.

4. Emendi

7. Il-Linja Gwida EBA/GL/2019/04 hija emendata kif ġej:

8. Is-suġġett kif stabbilit fil-paragrafi 5 u 6 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Dawn il-linji gwida huma bbażati fuq il-mandat li jinħarġu linji gwida skont l-Artikolu 95(3) tad-Direttiva (UE) 2015/2366 u jkopru aspetti tal-ġestjoni tar-relazzjoni mal-utenti ta' pagament”.

Dawn il-linji gwida jikkomplementaw il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju skont l-Att dwar ir-Reżiljenza Operazzjonali Dijitali (DORA) u l-Istandards Tekniċi Regolatorji relatati li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament imsemmija fil-paragrafu 5 ta' hawn fuq iridu jieħdu, f'konformità mal-Artikolu 95(1) tal-PSD2, biex jimmaniġġjaw ir-riskji operazzjonali u ta' sigurtà relatati mas-servizzi ta' pagament li jipprovdū.

9. Il-kamp ta' applikazzjoni kif stabbilit fil-paragrafi 7 u 8 jitħassar.

“Dawn il-Linji gwidajispecifikaw ir-rekwiżiti għall-istabbiliment, l-implementazzjoni u l-monitoraġġ tal-miżuri ta' sigurtà li għandhom jieħdu l-PSPs, f'konformità mal-Artikolu 95(1) tad-Direttiva (UE) 2015/2366, biex jimmaniġġjaw ir-riskji operazzjonali u ta' sigurtà fir-rigward tas-servizzi ta' pagament li jipprovdū.”

10. Id-destinatarji kif stabbilit fil-paragrafu 9 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4 punt (2) punt (vii) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u lill-istituzzjonijiet finanzjarji kif

² Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tkhassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35-127).

definiti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1093/2010, li huma fornituri ta' servizzi ta' pagament kif definiti fl-Artikolu 1(1) punt (a), punt (b) u punt (d) tad-Direttiva (UE) 2015/2366, inklużi persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jibbenefikaw minn eżenzjoni skont l-Artikolu 32 jew 33 tad-Direttiva (UE) 2015/2366 u persuni ġuridiċi eżentati skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/110/KE³."

11. Id-definizzjonijiet kif stabbiliti fil-paragrafu 10 jitħassru.
12. Il-parografi 1 sa 91 li jikkorrispondu għat-Taqsimiet 3.1 sa 3.7 jitħassru.

³ Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenziali tan-negożju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10/10/2009, p. 7-17)